MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Talba Numru. 54/2005

**Maltacom plc**

**Vs**

**Stephen Gerada**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz epprezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Jannar, 2005 fejn talab li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira tlieta u ghoxrin centezmu (Lm522.23) rapprezentanti spejjez u drittijiet telefoniku fuq numru 322673, installat fil-fond numru 13, St Martin Court, Triq l-Universita l-Imsida.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta u lanqas ma ressaq provi in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema` bil-gurament ix-xhieda ta' Dottoressa Young illi l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata ta' llum.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut Stephen Gerada jhallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira tlieta u ghoxrin centezmu, bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------